# l-editjar

## LEANNE ELLUL



# Biex intejbu l-kitba xi drabi jkollna bżonn

- Inneħħu l-kliem/inżidu l-kliem
- Inbiddlu l-kliem/nużaw kelma flok oħra
- Inneħħu sentenza/inżidu sentenza
- Inpoġġu paragrafu flok ieħor

# X'differenza hemm bejn dawn is-sentenzi? Għaliex?

| | |
|---|---|
| 1. Dalgħodu jiena u u kont sejjer sal-Belt kien hemm xi ħaġa li laqtitni u din ix-xi ħaġa kienet qattusa li xejn ma kienet kbira ħafna. | 2. Dalgħodu waqt li kont sejjer il-Belt rajt qattusa ċkejkna. |

## X'differenza hemm bejn dawn is-sentenzi? Għaliex?

| | |
|---|---|
| 1. Jien se nirritorna lura Malta s-Sibt li għadda. | 2. Se mmur lura Malta s-Sibt li ġej. |

# X'differenza hemm bejn dawn is-sentenzi? Għaliex?

| | |
|---|---|
| 1. Kull dejjem kienet ix-xewqa tiegħi li nsir xi ħadd famuża bħal Ira Losco. | 2. Minn dejjem xtaqt insir famuż bħal Ira Losco. |

# Ejja ntejbu l-kitba flimkien

# IL-KLIEM

# 1

- Sib kelma li tista' tgħaddi mingħajrha.

- *Neħħiha.*

**Ngħidu aħna:**

1. Jien inħobb immur il-baħar għax il-baħar ikun hemm il-ħbieb. ✗

2. Jien inħobb immur il-baħar għax ikun hemm il-ħbieb. ✓

# 2

- Sib kelma li hi użata aktar minn darba u agħmlilha ċirku madwarha.

- *Uża oħra minflokha.*

# 3

- Sib kelma li ddejqek.

- *Użа oħra.*

**Ngħidu aħna:**

1. Hija ħaġa sabiħa mhux bil-ftit li taqra ktieb. ✗

2. Ħaġa sabiħa ħafna li taqra ktieb. ✓

**Ngħidu aħna:**

1. Jien inħobb il-pasta bbejkjata. ✗

2. Jien inħobb l-għaġin il-forn. ✓

# 4

- Sib kliem li taf kelma oħra għalih u agħlqu f'kaxxa.

- *Ikteb il-kelma l-oħra li taf.*

**Ngħidu aħna:**

1. Is-**sultan** agħlaq **fomm** in-**nies** billi tahom **btala**.

2. Ir-**re** agħlaq **ħalq** il-**poplu** billi tah **vaganza**.

# Ejja ntejbu l-kitba flimkien

# IS-SENTENZI

# 1

- Hemm sentenzi twal ħafna?

- *Aqsamhom f'iktar minn sentenza waħda.*

# 2

- Hemm wisq sentenzi qosra?

- *Għaqqadhom flimkien.*

# 3

- Is-sentenzi qegħdin wara xulxin?

- *Jekk le, ara kif imorru wara xulxin.*

## Ejja ntejbu l-kitba flimkien

# IL-PARAGRAFI

# 1

- Kull paragrafu fih iktar minn sentenza waħda?

- *Jekk le, tawwal il-paragrafu JEW għaqqad is-sentenzi f'paragrafu.*

# 2

- Għandek introduzzjoni?
- *Jekk le, iktibha.*

# 3

- Għandek konklużjoni?

- *Jekk le, iktibha.*

# 4

- Il-paragrafi qegħdin wara xulxin kif tixtieqhom?

- *Jekk ma jagħmlux sens, biddel paragrafu ma' ieħor.*

# GĦAD-DARBA
# LI ĠEJJA
# IKTEB L-ISTORJA
# B'DAWN IL-BIDLIET
# LI GĦAMILNA